MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 240/2009

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' C-D E b'digriet tat-3 ta' Awissu 2009**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-16 ta' April 2010 gew nominati Kuraturi Deputati biex jidhru ghal F E nieqes minn Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' C-D E fejn din, wara li ppremettiet:

Illi minn relazzjoni li hija kellha ma' F E twieled it-tifel C-D E fis-16 ta' Awissu 2004 (Dok. B);

Illi F E, missier il-minuri mhux qed imantni t-tifel u mhux qed jghix Malta, izda l-esponenti m'ghandhiex il-kura u kustodja esklussiva ta' binha C-D E;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C-D E f'idejn ommu, ir-rikorrenti A B;

Tikkundanna lil F E, missier il-minuri C-D E ihallas manteniment xieraq ghal ibnu minuri.

Bl-ispejjez kontra tieghu, l-intimat F E, imharrek minn issa in subizzjoni.

Rat id-digriet tas-16 ta' April 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi ghal F E.

Rat ir-risposta tal-istess Dr. Martin Fenech fejn dan eccepixxa:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizerva sabiex jissottometti risposta ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja ta' binha minuri. Qed titlob ukoll lill-Qorti tordna lill-missier il-minuri jhallas alimenti ghalih. L-istess rikorrenti ssostni li missier il-minuri qatt ma wera interess fih u hija trabbih wahedha. Id-diversi xhieda prodotti kollha jsostnu dan ukoll u ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti m'ghandha ebda raguni tiddubita li hija l-genitur idoneu biex trabbi l-binha. Ghar-rigward tal-alimenti, fin-nuqqas ta' prova ta' qliegh da parti

tal-missier, il-Qorti qeghda, *arbitrio boni viri*, tiffissa l-ammont ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ gimghat ghall-manteniment tal-minuri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri C-D E tigi fdata f’idejn ommu A B;

Tilqa’ t-tieni t-talba u tordna li F E ghandu jghaddi lil A B, ghal binhom, is-somma ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ gimghat.

L-ispejjez jithallsu minn F E.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------